**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 434/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**Herman Mckay**
**(ID 590483(M))**

**Illum: 31 ta' Jannar, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Herman Mckay** ta' 20 sena, iben Martin u Doris nee` Mifsud, imwieled il-Pieta` nhar l-24 ta' Novembru 1983, residenti 275, Triq Ħal Qormi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 590483(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-24 ta' Lulju 2004, u matul ix-xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga **eroina**, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew

iforni d-droga msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinana dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Rat illi l-imputat tressaq taħt arrest quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-6 ta' Settembru 2004;

Rat illi l-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Novembru 2020;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll illi minkejja li d-difiża ngħatat kopja tal-istess nota nhar it-2 ta' Awwissu 2021, din baqgħet ma ntavolatx in-nota ta' sottomissjonijiet responsive tagħha;

Rat illi l-kawża tinsab differita għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar l-24 ta' Lulju 2004, il-Pulizija rċeviet informazzjoni fis-sens illi ċertu Herman McKay kellu jkun fl-akkwati tal-Gżira għall-ħabta tas-1.00 p.m. jew tas-1.30 p.m. u li fil-pussess tiegħu kellu xi droga li kien ser ibiegħha. Għalhekk l-**Ispettur Nadia Lanzon** tat struzzjonijiet lill-Pulizija sabiex joqogħdu għassa fil-viċinanzi ta' Triq Sir Patrick Stuart, ġewwa l-Gżira biex jilmħu lill-istess McKay. Wara xi ħin, il-Pulizija fosthom **PC 10 Trevor Cassar Mallia**, **PC 246 Vincent Cesare**, **PC 1574 Renaldo Cremona**, **PC 1348 Joseph Campbell** u **PC 213 Nicolai Borg** innutaw vann Toyota *pick up* ta' kulur abjad, bin-numru ta' reġistrazzjoni ICE 380, li kien qed jinstaq proprju minn Herman McKay ossia l-imputat odjern. PC 10 Trevor Cassar Mallia għalqu minn quddiem bil-karozza li kien qed isuq, iżda x'ħin rahom, l-imputat ippanikkja, ħareġ mill-vann, beda jissara u telaq jiġri lil hinn mill-Pulizija li kienu ġejjin minn warajh, ossia skont PC 1348 Campbell, lura minn fejn kien tela' l-vann, filwaqt illi ħalla l-istess vann waħdu bil-*handbrake* imniżżel, bir-riżultat li l-vann beda miexi lura u bil-bieba dan kaxkar il-ġenb ta' vettura oħra sakemm PC 10 Trevor Cassar Mallia rnexxielu jidħol fil-vann u tella' l-*handbrake.* PC 246 Vincent Cesare jgħid illi eventwalment waqqfuh Pulizija oħra li kienu iżjed 'l isfel fit-triq. Jirriżulta mix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell illi kien hemm Pulizija oħra fuq il-post li ġew minn naħa ta' quddiem l-imputat. Dan jgħid illi l-imputat ġera fid-direzzjoni tiegħu, stante li hu (ossia x-xhud) kien ġej min-naħa ta' wara l-vann, u li hekk kif kien qed jiġri fuq il-bankina lil hinn mill-vann fid-direzzjoni tiegħu, huwa rah jarmi xi ħaġa, filwaqt li żammu. Jgħid ukoll illi huma qalu lill-imputat li kienu Pulizija. **WPS 45 Marisa Bartolo**, li kienet ġejja min-naħa ta' isfel, ukoll tgħid illi wara li qabeż mill-vann, l-imputat ġera fid-direzzjoni tagħha, u hi ħarġet għal fuq il-bankina sabiex ma tħalliehx jgħaddi. Tgħid illi hija ġegħlitu jieqaf u illi fil-frattemp, l-kollegi tagħha laħqu niżluh fl-art, filwaqt illi hija ġibdet l-attenzjoni tagħhom li kienet għadha kif ratu jarmi xi ħaġa. Hija stess ġabret l-oġġett in kwistjoni, li rriżulta li kien pakkett tal-plastik li fih kien hemm trab kannella suspettat droga. Tgħid illi hija ġabret l-istess oġġett li kien intreħa minn idejn l-imputat. Skont PC 1348 Joseph Campbell, id-distanza bejn l-imputat u l-post minn fejn eventwalment inġabar il-pakkett in kwistjoni kienet it-tul tal-awla. Jgħid ukoll illi huwa żamm lill-imputat fuq il-bankina u illi qabel żammu, dan rema l-pakkett "*taht karozza, jew quddiem karozza xi haga hekk*".[1] Skont WPC 45 Marisa Bartolo, il-pakkett li ġie elevat ma kienx il-bogħod mill-imputat, inġabar fil-presenza tiegħu, ġie muri lilu u ġie ssiġillat ukoll fil-presenza tiegħu. PC 213 Nicolai Borg ukoll jgħid illi huwa ra lill-imputat jarmi xi ħaġa, iżda

[1] Ara a fol. 33 tal-proċess.

mbagħad ħalla f'idejn il-kollegi tiegħu stante huwa kien wieħed mill-uffiċjali li pprova jwaqqaf il-vann li kien nieżel fuq vetturi oħrajn. Madankollu jaf illi kif l-oġġett intrema, membri mill-Iskwadra marru mill-ewwel sabiex jiġbruh.

Saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, liema tfittxija rriżultat fin-negattiv. Waqt tfittxija li saret fil-vann, instabu xi *mobile phones* – skont l-Ispettur Nadia Lanzon, tnejn tal-għamla Samsung u wieħed tal-għamla Nokia – għalkemm PC 10 Trevor Cassar Mallia jgħid illi huwa eleva "*xi zewg mobiles*"[2] mill-vann, kif jikkonferma wkoll PC 1574 Renaldo Cremona, borża tal-plastik, li fiha kien hemm ammont ta' flus f'muniti fis-somma ta' Lm5.03[3], kif ukoll flus kontanti fis-somma ta' Lm180[4], f'karti ta' Lm10 u Lm2 u mus b'manku kannella ċar[5], liema oġġetti ġew mgħoddija lill-Ispettur Lanzon.[6] Tfittxijiet li saru fir-residenza tal-imputat ġewwa l-Marsa u fir-residenza tal-ġenituri tiegħu f'Ħal Qormi, irriżultaw fin-negattiv. L-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fejn ingħata s-solita twissija skont il-liġi u rrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva l-għada, 25 ta' Lulju 2004.[7]

Fl-atti ġie esebit il-proċess verbal redatt dwar il-każ odjern mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Miriam Hayman ossia "*Dwar xiri kontrollat ta' droga eroina taht is-sorveljanza tal-pulizija u droga misjuba fil-pussess ta' Herman Mc Kay fl-24 ta' Lulju 2004*".[8]

Mill-istess proċess verbal, jirriżulta *inter alia* illi nhar l-24 ta' Lulju 2004 għall-ħabta tas-1.30 p.m., l-imputat odjern ġie arrestat mill-Gżira, meta fil-pussess tiegħu nstabet id-droga eroina.

Jirriżulta wkoll mill-imsemmi proċess verbal illi nhar l-24 ta' Lulju 2004, il-Maġistrat Inkwirenti semgħet ix-xhieda ġuramentata ta' **Daniel Bonello**, ta' **Shone Agius** u tal-Ispettur Nadia Lanzon, fejn Bonello u Agius għażlu li jikkonfermaw l-istqarrija rilaxxjata minnhom lill-Pulizija Eżekuttiva.

In suċċint, fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-24 ta' Lulju 2004, Shone Agius stqarr illi huwa kien akkwista d-droga li nstabet fil-pussess

[2] Ara a fol. 23 tal-proċess.
[3] Esebiti bħala Dok. NL 4.
[4] Esebiti bħala Dok. NL 2.
[5] Esebit bħala Dok. NL 3.
[6] Is-sustanza, il-flus, il-muniti u l-mus jidhru f'ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 404 Paul Camilleri (ara din ir-relazzjoni a fol. 23 tal-proċess verbal), li ġiet ikkonfermatha minnu fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Lulju 2005, a fol. 57 u 58 tal-proċess.
[7] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 18 *et seq* tal-proċess u mmarkata bħala Dok. NL 1. Ara x-xhieda tal-Ispettur Nadia Lanzon, a fol. 14 sa 17 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia, a fol. 22 sa 24 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 246 Vincent Cesare, a fol. 25 sa 27 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1574 Renaldo Cremona, a fol. 28 u 29 tal-proċess; ix-xhieda ta' PC 1348 Joseph Campbell, a fol. 31 sa 34 tal-proċess; ix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo, a fol. 35 sa 38 tal-proċess; u x-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg, a fol. 39 sa 41 tal-proċess.
[8] Dan il-proċess verbal jinsab esebit a fol. 51 tal-proċess.

tiegħu fil-jum ta' qabel mingħand wieħed magħruf bħala l-McKay minn Ħal Qormi u illi kien ilu jakkwista d-droga mingħandu għal dawk l-aħħar sitt xhur. Normalment kien jixtri darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa mingħandu, dejjem f'ammont ta' ħames grammi bil-prezz ta' Lm 140 u meta ma kienx ikollu flus biżżejjed, dan kien jagħtih id-droga bid-dejn. Jgħid ukoll illi huwa kien ilu jbiegħ id-droga għal dawk l-aħħar sitt xhur, għalkemm mhux kuljum, biex imantni l-vizzju tiegħu u lill-familja stante li kien għamel sitt xhur ma jirċevix *relief.* Jgħid ukoll illi fil-jum ta' qabel, għall-ħabta ta-5.00 p.m., kien mar għandu ċertu Daniel li ried jakkwista l-eroina u huwa biegħlu żewġ pakketti bil-prezz ta' Lm 20. Sussegwentement ġew imwaqqfa mill-Pulizija u huwa tefa' l-pakkett li kellu fil-pussess tiegħu f'ħalqu u belgħu. Matul ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, Shone Agius għaraf lil McKay bħala l-persuna li tidher fir-ritratti esebiti mill-Ispettur Nadia Lanzon bħala Dok. NL 4, li l-Qorti tinnota li huwa l-imputat odjern.[9]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta, jirriżulta illi nhar it-28 ta' Lulju 2004, huwa ġie mogħti dokument wieħed minn PC 404 Paul Camilleri, *Scene of Crime Officer*, ukoll maħtur fl-inkjesta dwar il-każ, li kien jikkonsisti f'*envelope* kannella li fuqu kien hemm *sticker* bil-kliem "Deskrizzjoni tal-esebit (1) Borża żgħira trasparenti li fiha xi trab ta' lewn kannella; (2) borża żgħira trasparenti li kien fiha t-trab ta' lewn kannella u (3) basket tal-plastik vojt. Kodiċi tal-Esebit 04 BYI 201. Firma b'data 30/07/04. Referenza tal-Laboratorju FS 041308."

Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza **<u>Eroina</u>**. Il-piż tat-trab kien ta' **<u>4.72 grammi</u>** u l-purita` kienet ta' ċirka **<u>5%</u>**. Din is-sustanza hija kkontrollata mil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[10]

Mir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, li wkoll ġie nominat fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ, jirriżulta illi huwa analizza u ħareġ l-informazzjoni kollha minn żewġ ċellulari ossia Nokia 7610 u Samsung A800 u *SIM Card* tas-soċjeta` Vodafone, esebiti minnu flimkien mar-relazzjoni tiegħu bħala Dok. MB 1 u Dok. MB 2.[11]

**Shone Agius** xehed fil-mori ta' dawn il-proċeduri fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, wara li l-proċeduri fil-konfront tiegħu ġew deċiżi definittivament. F'din ix-xhieda tiegħu, Agius jikkonferma in parte l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-Pulizija Eżekuttiva, kif ukoll ix-xhieda li huwa ta quddiem il-Maġistrat Dr.

[9] Ara r-ritratti a fol. 46 tal-proċess verbal. L-istqarrija ta' Shone Agius tinsab esebita a fol. 38 sa 42 tal-proċess verbal, filwaqt illi x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman tinsab a fol. 49 sa 65 tal-proċess verbal.

[10] Ara a fol. 9 sa 21 tal-proċess verbal. L-espert Godwin Sammut ikkonferma r-relazzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2005 (ara a fol. 52 u 53 tal-proċess).

[11] Ara din ir-relazzjoni a fol. 56 tal-proċess.

Miriam Hayman, filwaqt illi jinnega dak li kien qal fil-konfront tal-imputat odjern.[12] L-istess **Shone Agius** imbagħad kompla jixhed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018, fejn in kontro-eżami xehed illi huwa ma kienx assistit minn avukat meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu.[13] Dan ġie kkonfermat ukoll mill-Ispettur **Nadia Lanzon**.[14]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u> l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' traffikar tad-droga eroina u dan b'referenza għall-24 ta' Lulju 2004 u għax-xhur ta' qabel din id-data. Din l-imputazzjoni hija msejsa fuq l-istqarrija li rrilaxxja Shone Agius lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-24 ta' Lulju 2004, liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman dakinhar stess. F'din l-istqarrija huwa identifika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha kien jakkwista d-droga eroina. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, madankollu, Agius jirritratta minn din il-parti tal-istqarrija ġuramentata tiegħu.

Fir-rigward, jeħtieġ illi l-Qorti l-ewwel tikkunsidra dak sollevat mid-difiża fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018, ossia illi stqarrija rilaxxjata mingħajr id-dritt għall-assistenza legali m'għandhiex tagħmel stat li fil-konfront ta' min irrilaxxjaha u wisq inqas fil-konfront ta' terzi persuni li setgħu ssemmew f'dik l-istqarrija u dan fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016, fl-ismijiet **<u>Mario Borg v. Malta</u>**. M'hemmx dubbju illi l-istqarrija li rrilaxxja Shone Agius nhar l-24 ta' Lulju 2004, kif sussegwentement ġuramentata minnu quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, ġiet hekk rilaxxjata mingħajr ma huwa ngħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt l-ewwel jedd daħal fis-seħħ fil-liġi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviż Legali 35/2010, fil-waqt illi t-tieni jedd daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Din il-kwistjoni ġiet ikkunsidrata u deċiża mill-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi</u>** tat-13 ta' Frar 2017, fejn il-Qorti qalet hekk dwar stqarrija ġuramentata ta' terza persuna, meta l-ammissibilita` ta' dik l-istqarrija ġuramentata ġiet attakkata mill-imputat fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu:

> "14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella –

---

[12] Ara a fol. 121 sa 158 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 176 sa 180 tal-proċess u a fol. 184 u 185 tal-proċess.
[14] A fol. 185 sa 187 tal-proċess.

hijiex valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.

15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri fil-konfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:

»Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel l-istqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – filkaż tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel l-istqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«

16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:

»37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi l-equality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha.

»… … …

»39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.

»40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«

17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-attur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontro-eżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.

18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud."

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji legali, jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra jekk l-istqarrija rilaxxjata mix-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni, Shone Agius, hijiex valida u ammissibbli u jekk din tistax tintuża bħala prova kontra l-imputat odjern, la darba tali stqarrija ttieħdet lill-istess Agius mingħajr ma ngħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu u mingħajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Il-Qorti tinnota illi fil-każ odjern, ix-xhud Shone Agius għażel li jirritratta minn dik il-parti tal-istqarrija li fiha huwa kien identifika lill-imputat odjern bħala l-fornitur tiegħu tad-droga eroina, u dan għaliex skont hu, dakinhar tal-istqarrija tiegħu, huwa kien għamel tali dikjarazzjonijiet mhux għaliex dawn kienu veritieri, iżda għaliex kien ġie mhedded mill-Ispettur Nadia Lanzon li kienet ser teħodlu t-tfal jew illi kienet qaltlu illi ħaditlu t-tfal waqt illi huwa kien jinsab arrestat, u illi kienet ser issallbu bil-ħabs, illi Lanzon riditu bil-fors jimplika lill-imputat odjern fit-traffikar tad-droga u li kienet hi li semmietlu lill-imputat, kif ukoll illi huwa kien *sick* min-nuqqas ta' eroina u għalhekk stqarr dak li riditu jistqarr l-Ispettur Lanzon sabiex ifittex jeħles u jitlaq, illi jista' jkun li ma kienx jaf x'qed jgħid u jista' jkun li vvinta dak kollu li kien qal, apparti li jgħid ukoll f'punt minnhom illi ma jiftakarx li kkonfema l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrat, għalkemm wara jgħid ukoll illi beda jikkonferma kull ma staqsietu

dwar l-imputat għalkemm dan ma kienx minnu. Skont hu, ma riedx li jiġri bħal ma ġara lilu: "*waddbuni l-habs ta' xejn u nwaddab bniedem il-habs ta' xejn*".[15]

Fir-rigward madankollu, il-Qorti ma tistax ma tinnutax fl-ewwel lok, illi minkejja li fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Agius jiċħad illi dak li kien qal fil-konfront tal-imputat fl-istqarrija tiegħu kien minnu u jgħid illi huwa qatt ma kien xtara d-droga eroina mingħand l-istess imputat, fl-istess nifs jikkonferma l-bqija tal-istqarrija tiegħu b'mod partikolari fejn huwa kien ammetta illi ġieli forna d-droga eroina lil Daniel Bonello. Dwar dan il-Qorti tinnota in oltre illi fl-istess xhieda tiegħu, Agius jgħid ukoll illi huwa kien ġie kkundannat erba' snin priġunerija effettiva u piena pekunjarja dwar dan il-każ in konnessjoni ma' traffikar tad-droga. Huwa evidenti għalhekk illi Agius ma kkontestax il-kontenut tal-istqarrija kollha rilaxxjata minnu, iżda anzi kkonfermaha kollha safejn din ma kinitx timplika lill-imputat odjern. L-istess Agius ikkonferma wkoll ix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, in kwantu din kienet tirreferi għal terza persuna oħra li magħha wkoll kien jinnegozja fid-droga.

Illi fit-tieni lok, il-Qorti tinnota wkoll illi mix-xhieda tal-istess Agius jirriżulta in oltre illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu bdew fis-sena 2004 u ġew deċiżi definittivament, skont hu, "*disa' xhur ilu*"[16] ossia għalhekk fi Frar 2014 la darba x-xhieda tiegħu ngħatat minnu fid-19 ta' Novembru 2014, iżda kif jgħid hu stess fix-xhieda tiegħu fil-proċeduri odjerni, huwa qatt ma qajjem il-lanjanzi li ressaq f'dawn il-proċeduri dwar l-istqarrija minnu rilaxxjata u b'mod partikolari dwar x'wasslu sabiex jistqarr dak li stqarr fil-konfront tal-imputat odjern – la quddiem il-Maġistrat li quddiemha kkonferma l-istqarrija tiegħu, la quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jew sussegwentement quddiem xi Qorti oħra u dan filwaqt illi nstab ħati ta' traffikar ta' droga eroina in konnessjoni mal-każ odjern u ġie kkundannat *inter alia* erba' snin priġunerija effettiva, wara li jidher illi bbenefika wkoll minn riduzzjoni fil-piena bis-saħħa tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tqis il-lanjanzi mqajjma mix-xhud Shone Agius fil-proċeduri odjerni bħala xejn inqas minn tentattiv fjakk da parti tiegħu sabiex ixejjen dak li kien stqarr oriġinarjament fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-konfront tal-imputat odjern. Huwa evidenti wkoll minn qari tax-xhieda tal-istess Shone Agius fil-proċeduri odjerni li din ix-xhieda m'għandhiex mis-sewwa, kif kien immedjatament evidenti wkoll għal din il-Qorti meta l-istess xhud ħa l-pedana tax-xhieda quddiemha, u dan mhux biss mill-komportament tiegħu fuq l-istess pedana iżda anke minn diversi aspetti tax-xhieda tiegħu kemm fir-rigward ta' dak li huwa allega fil-konfront tal-Ispettur Nadia Lanzon, liema allegazzjonijiet hija nnegathom, u li l-Qorti tqis bħala

[15] A fol. 141 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 156 tal-proċess.

allegazzjonijiet bla bażi u purament intiżi biss sabiex jixħtu dubju dwar dak li huwa kien iddikjara fl-istqarrija tiegħu fil-konfront tal-imputat, kif ukoll f'diversi mir-risposti tiegħu għal dak li ġie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni u anke f'ċerti istanzi mill-Qorti, per eżempju meta mistoqsi min allura kien provda d-dettalji kollha li huwa kien ta fl-istqarrija tiegħu dwar il-mod li huwa kien iltaqa' mal-imputat. Fir-risposti tiegħu, f'punt minnhom jgħid illi jista' jkun li ma kien jafx x'qed jgħid waqt l-istqarrija, filwaqt illi jgħid ukoll illi qal dak li qal għax kien sfurzat jagħmel dan mill-Ispettur Lanzon, u f'punti oħra jgħid illi kien *sick* għax ma ttieħidx għall-*methadone* u li ried ifittex jitlaq sabiex jeħles, meta fl-istess waqt provda dettal kbir fl-istqarrija tiegħu u anke implika lilu nnifsu fit-traffikar tad-droga, u dan ukoll f'ċertu dettal. Fil-bidu jibda biex jgħid illi huwa kien weħel il-ħabs ta' xejn u illi fuqu ma kienet instabet l-ebda droga – "*jien ma kelli l-ebda droga, jien gie persuna u rkibt mieghu*"[17] - iżda finalment jikkonferma dik il-parti tal-istqarrija tiegħu fejn kien qal illi huwa kien iforni l-eroina lil Daniel Bonello ossia l-istess persuna li huwa rikeb magħha fil-karozza, u li dakinhar li ġie arrestat, huwa kien bela d-droga li kellu fil-pussess tiegħu – li jfisser għalhekk li mhux minnu li ma kienx fil-pussess tad-droga - kif ukoll dik il-parti tax-xhieda quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, fejn huwa kien xehed illi kien jinnegozja fid-droga ma' persuna oħra. Mistoqsi jekk allura kienx għamel dak kollu li qaltlu l-Ispettur, wara li kien qal li ffirma għaliex hekk kienet qaltlu jagħmel u li dak li qal, kienet qalitulu l-Ispettur, huwa jwieġeb "*Mhux li qaltli l-Ispettur bhal speci, ridt nitlaq hux*"[18], iżda f'punt ieħor, jikkonferma illi huwa ma kienx indika lill-imputat, iżda kienet l-Ispettur li qaltlu biex isemmih u dwar id-dettalji kollha li semma fl-istqarrija dwar kif zijuh laqqgħu mal-imputat, "*Jien x'hin l-Ispettura lili qaltli nghinek fl-istharrig li ssemmili din il-persuna, jien accettajt u ghamilt l-istatement fuq li bdiet taghtini hi fuq din il-persuna*"[19], u dan skont hu, għaliex l-Ispettur kienet taf illi huwa kien jaf lill-imputat tramite xi negozjant tal-vetturi. Meta ġie dahru mal-ħajt u l-Qorti ġibditlu l-attenzjoni li allura kien qed jigdeb f'dik il-parti tal-istqarrija ġuramentata fejn kien qal illi l-imputat kien qabad arma tan-nar u xejjirha f'wiċċu, mentri fix-xhieda tiegħu quddiemha qal illi dan ma kienx minnu, huwa jgħid hekk "*Le mhux qed nigdeb, qatt m'ghamilt dawn l-affarijiet*"[20] u "*Jista' jkun mela ma kontx naf x'qed nghid...ghall-methadone ma mortx ... kont sick u ridt nitlaq lejn id-dar u bqajt inkompli maghha u li bdiet tghidli bdejt nghidilha kollox iva*"[21], bħallikieku l-Ispettur Lanzon qaltlu biex jgħid li l-imputat kien xejjer arma tan-nar f'wiċċu! F'punt ieħor jgħid ukoll illi jista' jkun li vvinta d-dettalji kollha mogħtija minnu dak il-ħin, kuntrarjament allura għad-dikjarazzjoni tiegħu li kienet l-Ispettur Lanzon li qaltlu biex jgħid dak li qal.

[17] Ara a fol. 124 tal-proċess.
[18] A fol. 128 tal-proċess.
[19] A fol. 136 tal-proċess.
[20] A fol. 139 tal-proċess.
[21] A fol. 139 tal-proċess.

Fid-dawl ta' dan kollu, meta huwa evidenti li Agius la qatt illanja ebda ksur fil-konfront tiegħu għall-fatt illi ma kellux il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu fil-mori tal-proċeduri li ttieħdu kontrih, u dan fuq perjodu ta' ben għaxar snin, ikkonferma wkoll fil-maġġor parti l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-Pulizija Eżekuttiva u x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman u evidentement ma kienx veritier fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, u tenut kont tal-fatt in oltre illi l-imputat odjern kellu kull opportunita` li jikkontrolla u jikkontro-eżamina lill-istess xhud fil-proċeduri odjerni, b'dan għalhekk illi ma jistax jingħad illi ġie mittiefes il-jedd ta' smigħ xieraq tal-istess imputat, il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tqis bħala prova valida u ammissibbli l-istqarrija ġuramentata tax-xhud Shone Agius u l-kontenut tagħha fil-konfront tal-imputat odjern.

Illi naturalment jeħtieġ illi l-Qorti tqis il-kredibilita` o meno li għandha tingħata lix-xhud Shone Agius, meta fl-istqarrija minnu ġuramentata huwa jgħid illi kien jakkwista d-droga eroina mingħand l-imputat. Skont l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbagħad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deċiża fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skont l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra. Imbagħad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Tqis fir-rigward minn qari tal-istqarrija li Agius ikkonferma quddiem il-Maġistrat Dr. Miriam Hayman, u minn qari tax-xhieda li huwa provda quddiem din il-Qorti, illi l-verita` hija ċertament dik kontenuta fl-istqarrija oriġinali tiegħu u dan fl-ewwel lok tenut kont tad-dettal kbir li jipprovdi l-istess xhud f'din l-istqarrija, tenut kont ukoll illi l-kontenut tal-istess stqarrija huwa verosimili, kif huwa verosimili illi huwa spiċċa jixtri d-droga mingħand l-imputat, anke sabiex ibiegħha huwa stess, stante illi kien spiċċa mingħajr introjtu għall-perjodu ta' madwar sitt xhur meta la kellu mpjieg u lanqas ma kien qed jirċievi benefiċċji soċjali, meta fil-fatt huwa kien jagħmel użu mid-droga eroina, u tenut kont ukoll illi huwa mhux biss jimplika lill-imputat f'din l-istqarrija, iżda jimplika wkoll lil terzi persuni u anke lilu nniffsu billi jammetti li huwa wkoll kien jittraffika d-droga, għalkemm hawnhekk b'ċertu kawtela, fis-sens illi filwaqt illi jgħid illi kien ilu jbiegħ id-droga għal dawk l-aħħar sitt xhur u allura proprju matul il-perjodu li fih huwa kien jakkwista d-droga mingħand l-imputat odjern, fl-istess ħin jgħid illi dan ma kienx jagħmlu kuljum u jagħti x'jifhem li huwa ma kellux wisq klijenti, iżda xi tlieta kollox, b'tali mod allura illi fl-istess ħin, huwa kien qed jipproteġi l-interessi tiegħu u illi għalhekk kien jaf ben tajjeb x'kien qed jgħid u jagħmel u mhux kif jgħid fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri. Imbagħad, kif ingħad, il-Qorti tikkunsidra wkoll illi x-xhieda tal-istess xhud f'dawn il-proċeduri, fil-maġġor parti tagħha ma kinitx għajr gidba sħiħa u sfaċċata, intiża biss biex ix-xhud jittenta jiskolpa lill-imputat odjern. Din il-Qorti semgħet ħafna xhieda f'diversi kawżi bħal dik tal-lum u bħal dik mogħtija minn Shone Agius f'dawn il-proċeduri, u din ma hija xejn ħlief repetizzjoni ta' dak li diġa` semgħet diversi drabi f'ċirkostanzi, komuni ħafna, li fihom xhud jirrifjuta li jikkonferma dak li jkun stqarr bil-ġurament preċedentement fil-konfront tal-fornitur tiegħu tad-droga, fil-presenza tal-istess fornitur, fejn allura x-xhud ikun ferm u ferm retiċenti. Irid jingħad ukoll illi fil-każ odjern, ġie ppruvat in oltre illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina dakinhar li huwa twaqqaf mill-Pulizija nhar l-24 ta' Lulju 2004 u dan f'ammont li għalkemm ma kienx tant kbir, lanqas kien tali li normalment wieħed jassoċjah ma' użu personali, speċjalment meta si tratta ta' droga eroina u b'mod partikolari meta wieħed iqis illi ma nstab xejn fil-pussess tal-imputat li jindika li huwa kien qed jagħmel użu mill-eroina. Wieħed irid iqis dawn iċ-ċirkostanzi wkoll fid-dawl ta' dak li jirriżulta mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, li niżżel il-kontenut tal-*mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat, u illi fil-*phone book* tal-*mobile phone* tal-għamla Nokia 7600, wieħed mill-persuni mniżżla huwa proprju 'CAQUSU', li juri illi l-imputat verament kellu l-konoxxenza tiegħu, proprju kif jgħid Agius fl-istqarrija ġuramentata tiegħu, kif ukoll żewġ messaġġi fuq l-istess ċellulari mibgħuta min-numru 9982 6020 proprju fl-istess jum tal-24 ta' Lulju 2004, u ftit tal-ħin qabel l-imputat ġie mwaqqaf u nstab fil-pussess tad-droga eroina, wieħed f'12:24:25 u ieħor f'12:50:42, li huma ferm indikattivi ta' spaċċ tad-droga - dak tal-ewwel "*Mak lestili suiet tista tnehili ftit mina alija ax mandi xejn ax geja ma liglis u qeda brok force nilhaq naqat biex nihu suet alija aktar tard imsalba qeda*" u t-tieni wieħed

"*Jien wasalt adejt min hdejn il bandli mux bhasoltu thaliniex hafna awn*". Għalkemm mill-atti ma jirriżultax eżattament kif l-espert Dr. Martin Bajada ottjena dawn il-*mobile phones*, biss jirriżulta ċar mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li arrestaw lill-imputat illi kienu ġew elevati xi *mobile phones* mill-pussess tiegħu, kif jirriżulta wkoll illi xi messaġġi fuq l-imsemmi ċellulari 'Nokia' kienu ndirizzati lil 'Mak' u 'Mckay' u illi għalhekk dan kien proprju ċ-ċellulari li kien jagħmel użu minnu l-istess imputat. Il-Qorti tqis illi dawn iċ-ċirkostanzi flimkien ikomplu jikkorroboraw dak li jgħid ix-xhud Shone Agius fl-istqarrija tiegħu fil-konfront tal-istess imputat.

Fil-fatt fl-istess stqarrija, Agius jgħid illi d-droga li kellu fil-pussess tiegħu fil-jum li huwa ġie arrestat ossia fit-23 ta' Lulju 2004, kien akkwistaha mingħand l-imputat, li madwar sitt xhur qabel zijuh magħruf bħala ċ-Ċaqqusu kien laqqgħu mal-imputat sabiex ikun jista' jakkwista d-droga eroina u jbiegħ minnha u illi kien ilu jakkwista l-eroina mingħandu għal dawk l-aħħar sitt xhur. Normalment kien jixtri mingħandu darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa, dejjem f'ammonti ta' ħames grammi bil-prezz ta' Lm140 u meta ma kienx ikollu flus biżżejjed, kien jagħtih id-droga bid-dejn u mbagħad jirranġaw wara. Għall-bidu kien imur fid-dar tal-imputat ġewwa Ħal Qormi, u hawn jipprovdi d-dettalji ta' fejn kien joqgħod l-imputat minkejja li ma kienx jaf l-indirizz eżatt – li evidentement juri illi x-xhud kien jaf sew fejn kien joqgħod l-imputat u mhux kif jipprova jagħti l-impressjoni fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri illi huwa iżjed sar jafu wara l-każ odjern, kif jirriżulta wkoll mill-fatt illi n-numru taċ-ċellulari tax-xhud li jidher fuq l-istqarrija rilaxxjata minnu, jinsab imniżżel ukoll fil-*phone book* tal-istess imputat – u li wara xi xahrejn kien l-imputat li beda jmur għand ix-xhud. Jispjega kif kienet tkun ippakkjata d-droga li jixtri mingħand l-imputat, kif kienu jiltaqgħu u kif l-imputat kien jgħaddilu d-droga u fejn kien jaħbi d-droga l-istess imputat, u kif f'okkażżjoni partikolari kien ukoll akkwista d-droga mingħand l-imputat ġewwa San Maison, fejn kien rah ukoll iforni d-droga lil terzi persuni.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha li ġew ikkunsidrati iżjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi kuntrarjament għax-xhieda mogħtija minnu fil-proċeduri odjerni, m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita din il-verżjoni tax-xhud Shone Agius u għaldaqstant, tqis illi l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad li trid il-liġi – dan naturalment mhux b'referenza għall-24 ta' Lulju 2004, iżda għax-xhur ta' qabel din id-data.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina, b'referenza wkoll għall-istess jum tal-24 ta' Lulju 2004 u għax-xhur ta' qabel din id-data. Kif diġa` ingħad jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat twaqqaf mill-Pulizija, u pprova jaħrab billi qabeż mill-vann li kien qed isuq, filwaqt li dan kien għadu mixgħul, u telaq jiġri sakemm ġie mwaqqaf mill-Pulizija preżenti li osservawh jarmi dak li wara rriżulta li kien

pakkett b'sustanza, li skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kienet droga eroina f'ammont ta' 4.72 grammi. Il-Qorti diġa` osservat fir-rigward illi għalkemm dan mhux ammont tant kbir, biss lanqas huwa wieħed normalment assoċjat ma' użu personali partikolarment meta si tratta ta' eroina. Hawnhekk tqis ukoll illi Shone Agius jgħid illi huwa dejjem kien jakkwista ammont ta' ħames grammi eroina mingħand l-imputat, mil-liema ħames grammi l-istess Agius kien jagħmel użu huwa stess u kien ukoll ibiegħ minnha sabiex imantni l-vizzju tiegħu. Tqis ukoll illi imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta illi l-imputat kien jagħmel użu mill-eroina fi kwantitajiet kbar, u fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-fatt illi l-imputat kien qiegħed jiġri barra bl-istess droga, li fil-pussess tiegħu ma jirriżulta li nstab xejn li jindika li huwa kien qed jagħmel użu mill-eroina, u fid-dawl tal-istqarrija ġuramentata ta' Shone Agius u tal-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq, il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li d-droga in kwistjoni ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat. Naturalment, la darba l-imputat qed jinstab ħati f'din l-istanza talli traffika d-droga eroina fix-xhur ta' qabel l-24 ta' Lulju 2004, u dan billi prokura tali droga lil Shone Agius, dan neċessarjament ifisser illi fl-istess żmien huwa kellu l-pussess aggravat tal-istess droga.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ukoll ġiet sodisfaċentement ippruvata.

Għal kull buon fini, il-Qorti hawnhekk tirrileva illi la ħadet konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fiż-żmien meta la kellu l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, u lanqas il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju, u lanqas tal-aċċenni li saru dwar il-konsenja kontrollata lill-imputat u dan fid-dawl tal-fatt illi għal xi raġuni, fl-ebda waqt ma ngħatat xhieda mill-Uffiċjali tal-Pulizija nvoluti, inkluż mill-Ispettur Nadia Lanzon, dwar l-istess konsenja, dwar dak li wassal għaliha u dwar id-diskors li allegatament ingħad minn Agius lill-imputat sabiex din setgħet issir, kif lanqas ma ġie kkonfermat bil-ġurament fil-mori ta' dawn il-proċeduri, ir-rapport tal-istess Spettur tal-Pulizija lill-Maġistrat Inkwirenti fl-atti tal-inkjesta dwar il-każ.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali, kif aġġornata tal-imputat, mil-liema fedina penali jirriżulta illi l-imputat instab ħati ta' diversi reati, mis-sena 1999 'il quddiem, fosthom serq sempliċi u aggravat, ħsara volontarja f'iżjed minn okkażjoni waħda, reati taħt il-Kap. 65 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'diversi okkażjonijiet, reati kontravvenzjonali, riċettazzjoni ukoll f'diversi okkażjonijiet, tentattiv ta' omiċidju u talli kkaġuna feriti ta' natura gravi, ragion fattasi, traffikar tad-droga eroina dwar liema l-imputat ġie kkundannat għall-piena ta' tliet snin priġunerija effettiva u multa pekunjarja,

pussess tad-droga eroina u reati taħt il-Kap. 400 u l-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u l-ammonti ta' droga mertu tal-każ odjern, kif riżultanti wkoll mill-istqarrija ġuramentata ta' Shone Agius, kif ukoll mill-banda l-oħra, illi din il-kawża tirrisali għas-sena 2004 u li ħafna mid-dewmien fil-proċeduri kien attribwibbli għall-fatt illi kien għad hemm proċeduri pendenti fil-konfront tax-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll stante illi dan l-istess xhud ma deherx diversi drabi minkejja li kien debitament notifikat, jew inkella ma nstabx.

Tqis in oltre x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud li segwiet lill-imputat odjern b'sentenza tal-Qorti Kriminali bejn Marzu 2018 u Marzu 2021, mil-liema jirriżulta illi huwa dejjem segwa l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-*Probation* u illi din intemmet b'suċċess, kif ukoll dak li rrilevat l-espert Dr. Roberta Holland dwar il-ħajja tal-imputat fiż-żmien li hija rrediġiet l-istess relazzjoni.

In oltre la darba ma tirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi, il-provenjenza lleċita tal-flejjes misjuba fil-pussess tal-imputat, il-Qorti ser tordna r-rilaxx tagħhom.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 8 (illum Regolament 9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Herman Mckay** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu (fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, b'referenza għax-xhur ta' qabel l-24 ta' Lulju 2004) u qed tikkundannah għall-piena ta' tletin (30) xahar priġunerija effettiva u għall-piena ta' multa ta' sitt elef ewro (€6,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Roberta Holland, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, sitta u tmenin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€486.68), iżda m'hijiex qegħda tikkundannah għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, stante illi r-reati in kwistjoni seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIII tal-2005, li emenda

l-imsemmi artikolu billi fost oħrajn gew inklużi wkoll l-ispejjeż konnessi mal-esperti li jkunu gew maħtura fl-istadju msemmi.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phone* Nokia 7600 u SIM *Card* tas-soċjeta` Vodafone favur il-Gvern ta' Malta, filwaqt illi tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* tad-ditta Samsung A800 favur il-ħati.

Tordna r-rilaxx tal-flejjes u l-oġġetti esebiti bħala Dok. NL 2, NL 3 u NL 4 favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga mmarkata bħala Dok. 04 BYI 201, esebita flimkien mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut fil-11 ta' Awwissu 2004, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti f'dawn il-proċeduri, tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dan il-każ jeżistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 104(1) tal-Kodiċi Kriminali, u dan senjatament fil-konfront ta' **Shone Agius** u għal dan il-għan tordna li kopja tas-sentenza u tax-xhieda tal-istess Shone Agius tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat